MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 609/2002/1

**Citazzjoni numru 609/02 GC**

**Roger Satariano & Sons Limited**

**vs**

**Alexander Attard f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpannija S.A Construction Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Peress illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-konvenut pro et noe versu s-somma ta' tmint elef, mija u sebgha u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm8,167.20) dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija konsistenti f'bathromm

fittings u madum, lilu mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tieghu stess fattura annessa bhala Dok A;

Illi l-stess konvenut Alexander Attard f'ismu propju u ghan-nom tal-kumpanija konvenuta S.A Construction Limited iffirma zewg ftehim datati 4 ta' Awissu 1999 fejn obbliga ruhu li jhallas l-ammont dovut sal-31 ta' Awissu 1999 (Dok B u Dok C), izda sallum fadallu jhallas il-bilanc fuq indikat;

Illi konvenut, ghalhekk interpellat kemm il-darba sabiex ihallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Mejju 2000, baqa' inadempjenti;
Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija attrici, il-konvenut pro et noe m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmija ammont u l-kumpanija attrici qiegheda tannetti affidavit immarkat Dok D. a tenur ta' l-istess Kodici tal-Orginizazzjoni. u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut propio et nomine jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Orginizazzjoni u Procedura Civili;

Tikkundanna lill-konvenut propio et nomine ihallas lill-kumpannija attrici is-somma ta' tmint elef, mija u sebgha u sittin lira Maltija u ghoxrin centzmu (Lm8,167.20) dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija konsistenti f'bathroom fittings u madum, lilu mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tieghu stess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 11 ta' Mejju 2000 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1021/02, kif ukoll bl-imghax legali mid-dati tal-konsenja sal-pagament

effettiv kontra l-konvenut pro et noe li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u dokumenti esibit;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2002;

Peress li mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut propio et nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef, mija u sebgha u sittin lira Maltija u ghoxrin centzmu (Lm8,167.20) dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija konsistenti f'bathroom fittings u madum, lilu mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tieghu stess u dana bl-imghaxxijiet legali kollha mid-dati tal-konsenja sal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra l-konvenut propio et nomine.